

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1255/2008

tal-15 ta' Diċembru 2008

li jffissa d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Diċembru 2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 [qamħ durum ta' kwalità għolja], 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żriġh, id-dazju ta' l-importazzjoni huwa daqs il-prezz ta' l-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt ta' l-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

- (2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju ta' l-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

- (3) Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju ta' l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv ta' l-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skond il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.

- (4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji ta' l-importazzjoni għall-perjodu mis-16 ta' Diċembru 2008, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji ta' l-importazzjoni ġodda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mis-16 ta' Diċembru 2008, id-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

## ANNEX I

**Dazji ta' l-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-16 ta' Diċembru 2008**

| Kodiċi NK     | Isem tal-merkanziji  | Dazju ta' l-importazzjoni <sup>(1)</sup><br>(EUR/t) |
|---------------|--|---|
| 1001 10 00    | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja                                | 0,00  |
|               | ta' kwalità medja  | 0,00  |
|               | ta' kwalità baxxa  | 0,00  |
| 1001 90 91    | QAMĦ għaż-żriġh  | 0,00  |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żriġh | 0,00  |
| 1002 00 00    | SEGALA   | 44,57   |
| 1005 10 90    | QAMĦIRRUM għaż-żriġh minbarra dak ibridu                     | 33,31   |
| 1005 90 00    | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żriġh <sup>(2)</sup>              | 33,31   |
| 1007 00 90    | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żriġh              | 44,57   |

<sup>(1)</sup> Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

- EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'
- EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

<sup>(2)</sup> L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

## ANNEX II

## Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I

1.12.2008-12.12.2008

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

(EUR/t)

|                                    | Qamħ <sup>(1)</sup> | Qamħirrum | Qamħ iebes<br>kwalità għolja | Qamħ iebes,<br>kwalità<br>medja <sup>(2)</sup> | Qamħ iebes<br>kwalità<br>baxxa <sup>(3)</sup> | Xgħir  |
|------------------------------------|---------------------|-----------|------------------------------|--|---|--------|
| Borża                              | Minnéapolis         | Chicago   | —                            | —  | —   | —      |
| Kwotazzjoni                        | 179,80              | 104,63    | —                            | —  | —   | —      |
| Prezz FOB USA                      | —                   | —         | 233,65                       | 223,65   | 203,65  | 105,29 |
| Tariffa fuq il-Golf                | —                   | 10,13     | —                            | —  | —   | —      |
| Tariffa fuq l-Għadajjar<br>il-Kbar | 26,95               | —         | —                            | —  | —   | —      |

<sup>(1)</sup> Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].<sup>(2)</sup> Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].<sup>(3)</sup> Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam 10,39 EUR/t

Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: 8,59 EUR/t